**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rik. Ġur. 1132/2017 GM**

**Kevin Moore (Nru tal-**
**Passaport Malti 839589) hekk kif irrapprezentat hawn taħt Malta mill-**
**Avv Adrian Camilleri (ID350380M)**

**Vs**

1. **Panel Nazzjonali tal-Appell tal-Anti-Doping;**
2. **Organizzazzjoni Nazzjonali tal-anti-Doping;**
3. **Kummissjoni tal-Anti-Doping;**
4. **L-Avukat Ġenerali;**
5. **SportMalta;**
6. **Malta Amateur Athletics Association għal kull interess li jista' jkollha;**

**Seduta tal-14 ta' Frar 2019**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-attur qiegħed jitlob li d-deċiżjoni tal-Panel Nazzjonali tal-Appell tal-Anti Doping tiġi ddikjarata *ultra vires* kif ukoll talbiet oħra konsegwenzjali għal din it-talba. Jgħid espressament li qiegħed jagħmel it-talbiet tiegħu "ai termini tal-artikolu 469A tal-Liġijiet ta' Malta";

Rat illi bi provvediment fl-udjenza tal-14 ta' Frar 2018 din il-Qorti, diversament ippreseduta, ordnat li qabel xejn issir it-trattazzjoni dwar (1) l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Organizzazzjoni konvenuta; (2) l-ewwel u (3) it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Panel Nazzjonali; u (4) r-raba' eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Generali;

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Diċembru 2018, il-Qorti, kif illum preseduta, iddifferiet il-kawża għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet imsemmija fil-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Frar 2018 fuq imsemmi;

Illi l-eċċezzjonijiet in kwistjoni huma dawn:

(1) l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Organizzazzjoni Nazzjonali tal-Anti-Doping: mhix entita` legali separata u distinta iżda difforma parti mill-intimata Kummissjoni tal-Anti-Doping u għalhekk ma tistax twieġeb għat-talbiet tal-attur

(2) l-ewwel eċċezzjoni preliminari Panel Nazzjonali tal-Appell tal-Anti-Doping: m'għandux personalita` ġuridika

(3) it-tieni eċċezzjoni preliminari Panel Nazzjonali tal-Appell tal-Anti-Doping: id-deċiżjoni tiegħu in kwistjoni mhix "għemil amministrattiv"; hija mhix "awtorita` pubblika" fit-termini tal-Art. 469A Kap 12

(4) ir-raba' eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Generali: il-Panel Nazzjonali tal-Appell tal-Anti-Doping hu korp kważi-ġudizzjarju u għalhekk ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' "għemil amministrattiv" kif tinsab fl-Art. 469A Kap 12;

Illi l-Qorti sejra titratta l-eċċezzjonijiet (3) limitatament għall-ewwel parti tagħha u (4) kif fuq enumerati billi jekk dawn jirriżultaw fondati, ma jkunx hemm għalfejn tqis ukoll l-eċċezzjonijiet l-oħra;

Illi skont l-Art. 469A:

"awtorità pubblika" tfisser il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi" filwaqt li

"egħmil amministrattiv" tfisser il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, *warrant*, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità";

Illi m'hemmx dubbju li l-Panel konvenut ma jaqax taħt il-parametri ta' "awtorita` pubblika. La hu l-Gvern ta' Malta, la Ministru, la dipartiment tal-Gvern, la awtorita` lokali u lanqas huwa korp magħqud kostitwit permezz

tal-liġi: "għall-fini ta' din id-disposizzjoni ma tistax tinkludi tribunal ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju"[1];

Illi d-deċiżjonijiet ta' korpi ġudizzjarji jew kważi-ġudizzjarji ma jikkostitwixxux egħmil amministrattiv. B'riferenza għat-Tribunal għall-Investigazzjoni tal-Inġustizzji din il-Qorti diversament preseduta qalet li: "t-Tribunal huwa kostitwit biex jindaga huwa stess l-egħmil amministrattiv u bl-ebda mod l-funzjoni tiegħu ma jista' qatt jinkwadra fid-definizzjoni ta' "egħmil amministrattiv" kif stabbilit fl-imsemmi artikolu."[2] Meta s-sentenza ġiet appellata, il-Qorti tal-Appell qalet li "Din il-Qorti, pero`, ma tirriskontra l-ebda inkonsistenza f'dak li qalet l-ewwel Qorti; anzi taqbel perfettament mal-konklużjoni ta' dik il-Qorti illi l-istħarriġ gudizzjarju ta' tribunali ġudizzjarji jew kważi-ġudizzjarji, bħalma huwa t-Tribunal in kwistjoni, ma jistax isir in forza ta' l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12. L-Artikolu 469A(1) jipprovdi li l-qrati ta' ġustizzja ta' kompetenza ċivili, għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validita` ta' xi *eghmil amministrattiv* jew li jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet imsemmija fl-istess artikolu. Skond is-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu, il-frazi *"'egħmil amministrattiv' tfisser il-ħrug ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċizjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita` pubblika"*;

Illi l-Qrati Maltin dejjem irritenew illi s-setgħa tagħhom li jissindikaw

[1] *Direttur Generali tal-Qrati v Pinu Axiaq* 03.05.2006 Qorti tal-Appell li kkwotat sentenza oħra tagħha *Anthony P Farrugia v Kummissjoni Elettorali* 18.10.1996. Fl-istess sens iddeċidew: General Workers' Union v Bank of Valletta 19.01.2010; Frank Portelli v Josella Farrugia 25.04.2014 Qorti tal-Appell (Inferjuri) – b'riferenza għall-Kunsill Mediku; *Awtorita` Marittima ta' Malta v Philip Abdilla* 27.06.2013 Prim'Awla - b'riferenza għat-Tribunal għall-Investigazzjoni tal-Inġustizzji

[2] *Direttur Generali tal-Qrati v Pinu Axiaq* 03.03.2006 Qorti tal-Appell

deċiżjonijiet ta' tribunali ġudizzjarji jew kważi ġudizzjarji. Din is-setgħa iżda ma tiskattax mill-Artiklu 469A iżda temani mill-ġurisdizzjoni ordinarja li l-liġi (Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili – Kap. 12, Artikolu 32(1)) tikkonferixxi lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li tieħu konjizzjoni ta' kawżi ta' natura ċivili li ma jkunux jaqgħu fil-ġurisdizzjoni ta' xi Qorti oħra bis-saħħa ta' xi liġi oħra.[3]

Illi għaldaqstant l-azzjoni tal-attur kif ibbażata fuq l-Art. 469A ma tistax tiġi milqugħa. Lanqas tista' l-Qorti tiddeċiedi abbażi ta' disposizzjonijiet oħra tal-liġi billi hija marbuta mal-premessi u t-talbiet kif ifformulati fir-rikors promotur;

***Decide***

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Organizzazzjoni konvenuta; l-ewwel u it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Panel Nazzjonali; u r-raba' eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Generali u tiċħad it-talbiet tal-attur.

Spejjeż a kariku tal-attur.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA

[3] għal studju ddettaljat f'dan ir-rigward ara *Direttur Generali tal-Qrati v Pinu Axiaq* suċċitata; ara wkoll *Go plc ġja` Datastream Limited v Camline Internet Services Limited* 20.01.2015 Prim'Awla, ippreseduta mill-Onor. Imħallef Joseph R. Micallef